Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 322/2011AE

**Victoria Galea**

**Vs**

**Raymond Galea**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu, 2016.

B'sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €1,000 bhala sehemu dovut ghal spejjez medici u edukazzjoni rigward iz-zewgt itfal taghhom.

Jirrizulta li l-kontendenti huma mizzewwgin u b'kuntratt tas-17 ta' Lulju 2007 pubblikat min-nutar Dr Edward Flores, infirdu. Fi klawzola 5 tal-kuntratt jinghad:-

***"L-ispejjez ta' natura straordinarja koncernanti l-edukazzjoni u sahha tal-ulied minuri ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn iz-zewg komparenti konjugi Galea"***.

Il-konvenut appella mis-sentenza u lmenta li t-Tribunal ghamel evalwazzjoni hazina tal-provi u m'applikax il-ligi kif kellu. Skond l-imsemmi kuntratt, il-konvenut ghandu obbligu li jhallas nofs l-ispejjez ta' saha u edukazzjoni ta' natura straordinarja. Meta l-partijiet iffirmaw il-kuntratt, il-konvenut obbliga ruhu li jikkontribwixxi mhux ghal kull spiza li tikkoncerna s-sahha u edukazzjoni tal-minuri. L-attrici qeghda tippretendi hlas ta' spejjez li m'humiex ta' natura straordinarja. Dan apparti li l-konvenut ta prova li hallas lill-attrici tal-ispejjez straordinarja. F'dan ir-rigward ipprezenta kopja ta' tlett cekkijiet. Inoltre, skond il-konvenut l-ispejjez ta' natura straordinarja, a bazi tal-prospett li pprezentat l-attrici, ma jammontawx ghal iktar minn €599.01.

L-attrici wiegbet li s-sentenza hi gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni, u tosserva:-

1. Fl-avviz tat-talba l-attrici talbet il-hlas ta' €1,419.05. Waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2012 l-attrici ddikjarat li qeghda tirriduci l-ammont pretiz ghal €1,296.20. Fl-10 ta' Mejju 2012 l-attrici pprezentat prospett ta' dak li qeghda tippretendi (fol. 55), b'total ta' €2,366.18 li jfisser li skont l-attrici s-sehem dovut mill-konvenut hu ta' €1,183.09[1]. Jidher ghalhekk li meta l-attrici pprezentat il-prospett, regghet irriduciet it-talba gahs-somma ta' €1,183.09.

[1] L-attrici xehedet: *"Qed nezebixxi Dok. A u prospett tar-ricevuti li jiena qed nitlob sehem il-konvenut ghalihom u kif ukoll ricevuti rigwardanti l-istess ammonti dovuti"* (fol. 18).

Dan kif konfermat mit-Tribunal[2]. Fis-sentenza t-Tribunal iddecieda li l-ammont dovut hu ta' €1,000.

2. Fis-sentenza t-Tribunal qal:-

   *"It-Tribunal jara li dak li qed titlob l-attrici jaqa' fl-ambitu ta' spejjez straordinarji dwar sahha u edukazzjoni. Hawn izda jrid ikun gwidat minn linji ta' ekwita' u meta jqis kollox isib li quantum xieraq ghandu jkun dak ta' €1,000. B'dana li, stante li l-konvenut qatt ma ghamel xi offerta ghal soluzzjoni bonarja u amikevoli anqas wara li gie notifikat b'avviz wara hafna tahbit ghan-notifika, l-imghax ghandu jibda ghaddej mill-jum tal-prezentata tal-avviz"*.

3. Il-kuntratt ta' separazzjoni jaghmilha cara li l-konvenut kellu jhallas nofs l-ispejjez ta' natura straordinarja li ghandhom x'jaqsmu mas-sahha u edukazzjoni tat-tfal minuri. Ghalhekk dan ghandu jfisser ghal spejjez li mhux normalment li jsiru. Fil-prospett hemm diversi ammonti li ma jikkwalifikawx bhala straordinarji. Hekk per ezempju stationary, medicina u creams li ghandhom valur baxx. Fir-rigward tal-medicina ma tressqitx prova li dawn huma spejjez li kienu qeghdin isiru fuq bazi regolari minhabba li xi hadd mit-tfal tfaccatlu marda li ma kinitx maghrufa fiz-zmien meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni. Mill-prospett il-qorti tikkonkludi li spejjez ta' natura straordinarja kienu jinkludu vjagg lejn Sqallija; spejjez li saru fir-rigward ta' kors ghal *care worker*; privat fl-Ingliz, Malti u Matematika; spejjez fir-rigward ta' attivitajiet ta' Scouts; xiri ta' nuccali tal-vista u lenti ghan-nuccali; spejjez relatati ma' *Secretarial Course*; uniformijiet tal-iskola u spejjez li saru ghand terapista. Ammont li l-qorti qeghda tillikwida fis-somma ta' **seba' mija u wiehed u hamsin ewro u hamsin centezmu (€751.50)**.

4. Dwar it-tezi tal-konvenut li diga' hallas lill-attrici, m'hemmx provi sodisfacenti. Il-konvenut xehed li kien ta tlett cekkijiet lill-attrici li jkopru sehemu minn spejjez straordinarji. F'dan ir-rigward ipprezenta kopja ta' tlett cekkijiet datati 11 ta' Awissu, 23 ta Settembru u 20 ta' Ottubru 2007 (fol. 67). M'huwiex kredibbli li l-konvenut kien qieghed ihallas bil-quddiem, spejjez li jkunu ghadhom ma sarux. Qieghed jinghad hekk ghaliex filwaqt li c-cekkijiet inhargu fis-sena 2007, il-hlas li talbet l-attrici jirreferu ghal spejjez li saru mis-sena 2008 'il quddiem bl-eccezzjoni ghal xi spejjez li saru fis-sena 2007 li m'ghandhom x'jaqsmu xejn mac-cifri dikjarati fic-cekkijiet (ara prospett a fol. 55). Ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut m'hijiex kredibbli.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u:-**

[2] Ara dik il-parti tas-sentenza ntestata Konsiderazzjonijiet, paragrafu 1.

5. **Tvarja *s*-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sens li l-hlas dovut mill-konvenut lill-attrici hu ta' seba' mija u wiehed u hamsin ewro u hamsin centezmu (€751.50).**
6. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u wiehed u hamsin ewro u hamsin centezmu (€751.50), bl-imghax kif dikjarat fis-sentenza tat-Tribunal.**

**Spejjez tal-ewwel istanza jibqghu a karigu tal-konvenut, b'dan li l-ispejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 75% a karigu tal-konvenut u 25% a karigu tal-attrici**.

Anthony Ellul.